**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 16 ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru 64/2018**

**Urs Schwinger**

**Vs**

**Transport Malta u Ministru tal-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Urs Schwinger**ipprezentat fl-10 ta' Lulju 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

> *"Illi r-Rikorrenti huwa ta' nazzjonalita Germaniza u emigra mill-Ukraina ghal Malta fis-27 ta' April 2018, izda wasal Malta fl-1 ta'Dicembru 2017;*
>
> *Illi mieghu gab vettura tal-marka Porche Cayenne, bin-numru ta' registrazzjoni Ukraina AM2500CB u b'hek huwa kien intitolat ghal ezenzjoni tat-taxxa ta'Registrazzjoni maghrfa bhala VEH07;*
>
> *Illi skond il-website ta' Tansport Malta, kien hemm li din l-applikazzjoni setghet tigi intavolata fi zmien 12-il xahar minn meta tidhol Malta;*
>
> *Illi r-Rikorrent mela u intavola l-formula VEH07, wara li nizzel l-applikazzjoni mill-website ta' l-Intimati (Dok A), li fiha hemm miktub "A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before resident in Malta and not later than twelve months following that date";*
>
> *Illi r-rikorrent intavola l-applikazzjoni 37 gurnata li kien sar residenti Malta;*

*Illi ir-rikorrenti ircieva ittra datata 21 ta' Gunju 2018 fejn il-Ministeru tal-Finanzi irrifjuta l-applikazzjoni stante li skont AL440 ta' 2013 l-applikazzjoni kellu jsir entro 30 gurnata (Dok B);*

*Illi jidher car li l-Awtorita intimate Transport Malta gwidat ir-rikorrenti billi informatu li kellu 12-il xahar sabiex japplika.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka id-decizjoni tal-21 ta' Gunju 2018 u jordna l-intimati jilqghu l-applikazzjoni ghal expemption a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Ra r-risposta ta' **Transport f'Malta**ipprezentata fit-23 ta' Luju 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-
"

1. *Illi l-Awtorita' rispondenti mhijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata ab observantia a spejjez tar-rikorrent u dank if konfermat f'gurisprudenza kostanti fosthom is-sentenzi fl-ismijiet 'Andrew Cohen vs Transport Malta et' (deciza fil-5 t'April, 2016), 'Daniele Klein –vs- Ministru tal-Finanzi et' (deciza 19 ta' Frar, 2015), Lorenzo Casu –vs- Chairman – Transfer of Residence Exemption Board et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-2 ta' Dicembru, 2016); 'Balbinder Malki Twana –vs- Awtorita' ghat-Trasport f'Malta et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-18 ta' Mejju, 2015) u 'Claudia Carmicio –vs- Ministeru tal-Finanzi et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fil-11 t'Ottubru, 2016).*

2. *Illi sussidjarjament u assolutament bla ebda preġudizzju għall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita' esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrent ma jissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti tal-ligi sabiex ikun ezentat mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni.*

3. *Illi, b'mod partikolari fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur minnu pprezentat fis-sens illi huwa nizzel l-applikazzjoni VEH07 (minnu pprezentata mar-rikors promotur bhala Dok. 'A') mill-website ta' Transport Malta, dan huwa ghal kollox skorrett ghaliex l-applikazzjoni annessa bhala Dok. 'A' hija l-formola l-antika illi certament ma kinitx ghadha fuq il-website ta' Transport Malta f'Dicembru, 2017 u ghalhekk bilfors li tali formola giet downloaded mir-rikorrent tramite xi search engine ohra izda zgur mhux mill-website ta' Transport Malta. Fil-fatt fil-website ta' Transport Malta – u hekk kien il-kaz anke f'Dicembru, 2017 u ghal hafna zmien qabel – hemm il-formola attwali VEH07 li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala Dok. 'A' (u qed jigi prezentat ukoll screenshot bhala Dok. 'B'). Tant il-formola annessa bhala Dok. 'A' mar-rikors promotur ma gietx downloaded mill-website ta' Transport Malta, kif skorrettement qed jallega r-rikorrent, li anke l-indirizz huwa dak antika ta' 'Hornworks Ditch' fil-Furjana meta l-Land Transport Directorate ilu s-snin li ccaqlaq minn hemm ghall-indirizz attwali f'A3 Towers, Triq l-Arkata, Paola !! Fil-formola li qed tigi hawn annessa*

*ma' din ir-Risposta bhala Dok. 'A' u li indubbjament hija l-formola li setghet tigi dowloaded mill-website ta' Transport Malta f'Diembru, 2017, hemm indikat bl-izjed mod car t-termini ta' zmien li fihom persuna ghandu japplika ghal ezenzjoni. Issa r-rikorrent, ex admissis, jiddikjara fil-hames paragrafu tar-rikors promotur, illi huwa "intavola l-applikazzjoni 37 gurnata li kien sar residenti Malta" u cioe' izjed tard mit-terminu ta' 30 gurnata stabbilit bil-ligi u kjarament indikat fuq il-formola VEH07 li huwa messu ddownlowdja mill-website ta' Transport Malta.*

4. *Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez u dan peress illi d-deċiżjoni in kwistjoni hija legali, ġusta u għandha tiġi kkonfermata.*

5. *Illi f'kull kaz l-Awtorita' rispondenti m'ghandhiex tigi akkollata bl-ispejjez ta' din il-procedura.*

6. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent appellant."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru ghall-Finanzi** ipprezentata fis-6 ta' Awwissu 2018 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"1. Illi l-esponent sejjer bil-prezenti risposta jwiegeb ghar-rikors imressaq minn **Urs Schwinger** li permess tieghu talab lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrevoka d-decizjoni tal-**Bord dwar l-Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur** datata 21 ta' Gunju 2018 u sabiex jordna l-intimati jilqghu l-applikazzjoni ghall-ezenjoni tenur tal-artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*2. L-esponent jeccepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi muri fil-mori ta' dan ir-rikors.*
*3. Il-Ministeru intimat jirrifjuta l-applikazzjoni mressqa minn **Urs Schwinger** a bazi tal-**artikolu 4(3) (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01** li jghid li:*
*meta persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun diga' waslet Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta;*
*4. L-appellant iddikjara li l-vettura tieghu waslet Malta fis-26 ta' Marzu 2018. Din id-data giet ikkonfermata b'kopja tal-biljett tal-katamaran **hawn anness u mmarkat bhala Dok. MF 1.** L-appellant iddikjara wkoll li hu ttrasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta fis-27 ta' April 2018. Din id-darba giet konfermata bl-ircevuta tal-applikazzjoni ghar-residenza **(hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MF 2).** Dawn id-dati juru li l-appellant itrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta meta l-vettura tieghu kienet ga waslet Malta u ghalhekk japplika l-artikolu 4(3) (e) kif korrettement indika l-Ministeru ghall-Finanzi fl-ittra tal-21 ta' Gunju 2018.*
*5. L-artikolu 4 (3) (e) tal-L.S. 368.01 jipprovdi li t-terminu ta' tletin jum jibda jiskatta mid-data ta' meta l-applikant ikun ittrasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta u li f'dan il-kaz beda jiskatta fis-27 ta' April 2017. L-appellant mar japplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni fis-6 ta' Gunju 2018 li jigu disat ijiem wara li skada t-terminu ta' 30 jum. Ghaldaqstant, il-Bord ma kellux triq ohra hlief li jirrifjuta l-applikazzjoni ta' Urs Schwinger minhabba li l-appellant applika barra mit-terminu ta' tletin jum;*

*6. L-appellant ilmenta li fuq l-applikazzjoni tieghu kien hemm imnizzel li hu kellu tnax-il xahar biex japplika ghall-ezenzjoni. Il-Ministeru ma jaqbilx ma dan. Filfatt gew prezentati zewg applikazzjonijiet mill-appellant, wahda minnhom hija verzjoni qadima* ***(hawn annessa u mmarkata bhala dok MF 3)*** *u l-ohra hija verzjoni gdida* ***(hawn annessa u mmarkata bhala Dok MF4).*** *Iz-zewg applikazzjonijiet jiddikjaraw l-istess dati u t-tnejn gew prezentati fl-istess jum. Il-Ministeru mexa fuq il-verzjoni tal-applikazzjoni l-gdida li hija l-verzjoni t-tajba u din fuq l-ewwel pagna ghandha mnizzel hekk:*
*[W]here a vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring his residency within 30 days from the date on which that person had transfereed his residency to Malta.*
*Ghalhekk m'ghandux ragun l-appellant meta jghid li fuq l-applikazzjoni hu kellu mnizzel informazzjoni hazina.*
*7. Lanqas ma jista' jghid l-appellant li fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta hemm l-applikazzjoni l-antika ghax jekk wiehed jidhol fuq il-website ta' Transport Malta ghandu jsib l-ahhar verzjoni tal-applikazzjoni. Kien jispetta lilu li jidhol fuq is-sit elettroniku u jnizzel il-verzjoni t-tajba;*
*8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Ministeru umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jichad l-appell ta' Urs Schwinger u jikkonferma d-decizjoni tal-Bord datata 21 ta' Gunju 2018."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema' x-xhieda ta' Francis Attard u l-kontro-ezami tar-rikorrent;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-rikorrenti qieghed jitlob li dan it-Tribunal jirrevoka d-decizjoni notifikata lilu b'ittra mibghuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi datata 21 ta' Gunju 2018 permezz ta' liema gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (e) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived*

*in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person had transferred his residence to Malta."*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien xtara l-vettura in kwistjoni tal-ghamla Porche Chayanne Turbo fl-Ukranja u kienet ilha registrata fuq ismu minn April 2016. Jispjega illi huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu u tal-familja tieghu hawn Malta. Huwa spjega li kien inghata parir minghand persuna li kien jaf li kellu jaghmel il-VRT tal-vettura qabel jirregistraha. Ghalhekk hu mar jaghmel il-VRT u l-persuna responsabbli minn tali test infurmah li l-pass li jmiss kien li jimla l-formula VEH07. L-istess persuna iddownlowdja l-formula minn fuq il-computer tieghu u tahielu biex jimlieha. Jisjega li fuq il-formula kien hemm imnizzel li seta' japplika ghall-ezenzjoni fi zmien tnax-il xahar. Peress illi huwa ried jimla l-formula elettronikament, huwa rega' fittex il-formula VEH07 minn fuq Google, ippopjatlu l-istess formula li kien tah il-VRT tester u ghalhekk imliha u pprintjaha. Meta ha l-istess formula gewwa l-ufficini ta' Transport Malta, gie infurmat illi l-formula li kellu kienet wahda qadima u ghalhekk inghata l-verzjoni aggornata. Jispjega li fuq din l-ahhar formula kien hemm miktub li trid tigi sottomessa fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tasal Malta jew inkella minn meta huwa rcieva d-dokument ta' residenza. Ghalhekk huwa rega' mela l-formula u staqsa lill-ufficjal ta' Transport Malta jekk kienx hemm xi problema stante t-termini. L-ufficjal qaltlu li l-ahjar ikun li jissottometti z-zewg formuli u taghtu parir biex icempel lil ufficjal iehor ta' Transport Malta, liema persuna taghtu parir biex jibghat email, liema email huwa baghat lill-Ministeru intimat b'kopja ta' *clip* li juri kif huwa kien iddownlowdja l-formula. Madankollu xi gimghat wara huwa rcieva d-decizjoni li l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni kienet giet rifjutata peress li kienet giet sottomessa wara tletin gurnata.

In kontro-ezami r-rikorrent xehed illi meta huwa kien staqsa lil Transport Malta informazzjoni dwar kif seta' jirregistra l-vettura tieghu, huwa gie dirett biex ifittex il-formula VEH07 u fil-fatt huwa sabha fuq is-*server* ta' Transport Malta. Jispjega illi huwa qatt ma seta' jkun jaf illi kienu jezistu zewg verzjonijiet tal-istess formula.

**Francis Attard**, Cermen tal-Bord, spjega illi l-applikazzjoni in kwistjoni giet rifjutata peress li giet sottomessa iktar minn tletin gurnata mid-data li l-applikant iddikjara li ttrasferixxa r-residenza tieghu f'Malta. Jispjega li hu ma kienx jaf li kien hemm xi formuli li kienu jindikaw perjodu itwal entro liema wiehed seta' jissottometti l-applikazzjoni tieghu. Meta muri l-applikazzjoni li originarjament mela l-applikant, huwa spjega illi dak it-terminu veru jezisti pero` hemm terminu

iehor, li huwa indikat b'mod car fl-applikazzjonijiet iktar ricenti, illi jiskatta t-terminu tat-tletin gurnata.

**Ikkunsidra:**

Illi qabel dan it-Tribunal jidhol fil-mertu tal-kwistjoni se jezamina l-ewwel eccezzjoni imqajjma minn Transport Malta u cioe` li hi mhix il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li ma kellha l-ebda sehem fid-decizjoni appellata.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa car li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-Transfer of Residence Exemption Board permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni, pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Illi pero`, dan it-Tribunal ma jistghax ma jirrilevax illi s-sit elettroniku tal-Awtorikta` intimata fiz-zmien li fih giet iddownlowdjata l-formula mir-rikorrent kellu nformazzjoni li kienet inbidlet u li r-rikorrent sar jaf biss bil-bidla meta huwa kien fil-punt li se jissottometti l-istess applikazzjoni. Dan kollu ta lok ghal dan l-appell. Minn ricerka li ghamel dan it-Tribunal jirrizulta li llum il-gurnata il-verzjoni l-antika tnehhiet, anke meta wiehed ifittex bil-Google. Kwindi it-Tribunal ihoss li Transport Malta naqset meta halliet verzjoni antika tal-imsemmija formula fuq is-sit elettroniku taghha, liema verzjoni kienet tikkontjeni informazzjoni li kienet ta' pregudizzju ghall-applikanti u ghalhekk ghandha tbati l-ispejjez taghha f'dawn il-proceduri.

Illi sorvolata l-ewwel eccezzjoni ta' Transport Malta, it-Tribunal se jidhol issa fil-mertu ta' dan l-appell.

Fis-6 ta' Gunju 2018, ir-rikorrent avvanza talba sabiex jigi ezentat mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Porsche Cayenne Turbo bin-numru ta' Registrazzjoni AM2500CB a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, izda, b'ittra datata 21 ta' Gunju 2018 gie infurmat li t-talba

tieghu giet michuda stante li **l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ma saritx fi zmien tletin gurnata minn huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta.**

Wara din id-decizjoni r-rikorrent ipprezenta l-appell odjern  peress li rrileva li wara li dan it-terminu ma kienx indikat fl-applikazzjoni li huwa nizzel minn fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, izda t-terminu muri fl-istess applikazzjoni kien ferm itwal u li kien ghalhekk li huwa ma ssottomettiex l-applikazzjoni fi zmien tletin gurnata.

Illi d-difiza tal-Ministeru intimat iddur mal-fatt illi r-rikorrenti m'applikax ghall-ezenzjoni in kwistjoni entro t-tletin gurnata minn meta huwa ha r-residenza tieghu hawn Malta u dan wara li l-Bord mexa fuq l-applikazzjoni tal-formola l-gdida, minkejja li r-rikorrenti issottometta kemm il-gdida u kemm l-antika.

Illi l-ezenzjoni tat-taxxa  ta' registrazzjoni ta' vetturi hija regolata principalment mill-Kapitolu 368 u mil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi f'artikolu 19 (3) (f) tal-Kap 368 insibu illi:

*"Il-vetturi bil-mutur li gejjin ghandhom, meta jigu registrati mal-Awtorita`, ikunu ezentati mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni:*

*Vettura bil-mutur M1 jew cickletta li tkun proprjeta` personali ta' individwu privat u li tkun qieghda tingieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qieghed jitrasferixxi r-residenza normali tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta, izda l-ezenzjoni tinghata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika ghal ezenzjoni bhal dik.  L-imsemmija ezenzjoni tinghata taht dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet maghmula mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi."*

Illi mbaghad fir-Regolament 4 (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, kif applikabbli fiz-zmien in ezami u cioe kif regolat b'Avviz Legali 6 tal-2012, kien jghid is-segwenti:-

*"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*
*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f'Malta;*

*(b) hija tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijiet ġenerali tat-tassazzjoni li jkunu fis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun qiegħda tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta, u ma tkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportata għal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta' dazju tas-sisa, taxxa ta' valur miżjud jew xi taxxa oħra ta'konsum;*

*(ċ) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjoni trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perjodu kontinwu ta' għallinqas erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;*

***(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data****; u*

***(e) jekk il-vettura tkun diġà waslet f'Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qiegħda tittrasferixxi r-residenza tagħha fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."***

Illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-ghamla ta' vettura mertu tar-rikors in kwistjoni hija vettura bil-mutur tat-tip M1. Illi mill-provi jirrizulta wkoll is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrent wasal Malta fl-1 ta' Dicembru 2017;
2. Huwa ddikjara li ttrasferixxa r-residenza tieghu lejn Malta fis-27 ta' April 2018;
3. Illi l-vettura waslet f'Malta fis-26 ta' Marzu 2018;
4. Huwa applika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fis-6 ta' Gunju 2018. [1]

Illi ghalhekk ladarba l-vettura kienet waslet hawn Malta u r-rikorrent ddikjaa li ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fis-27 ta' April 2018, skatta t-terminu ta' tletin gurnata entro liema r-rikorrenti kien obbligat japplika ghall-ezenzjoni ai termini tar-Regolament 4 (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi madankollu, dan it-Tribunal ma jistghax jiddikjara biss li kien skada dan it-terminu u jieqaf hemm ghaliex f'dan il-kaz ir-retroxena ghas-sottomissjoni tal-applikazzjoni da parti tar-rikorrent hija bil-wisq importanti.

Illi minn harsa lejn il-formula VEH 07 li r-rikorrent nizzel minn fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta, liema formula hija l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni tat-taxxa tal-vetturi migjuba Malta minn persuni li stabilixxew ir-residenza taghhom hawn Malta, jirrizulta li hemm sezzjoni intitolata

[1] Fol. 29 et seq. tal-process

"Information on Applicability". Fost din l-informazzjoni hemm imnizzel is-segwenti:-

***"A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later then twelve months following that date."***

Dan huwa l-uniku terminu li kien jitnizzel fl-imsemmija formula fir-rigward ta' meta ghandha tigi sottomessa l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Madankollu, kif gia inghad iktar 'il fuq, kien hemm terminu iehor, li ghal xi raguni li jafuha biss l-Awtoritajiet koncernati, ma kienx qieghed jigi msemmi u indikat fil-formula VEH 07 l-antika, u dan kien proprju it-terminu, **bil-wisq iqsar, ta' tletin gurnata minn meta l-applikant jittrasferixxi r-residenza tieghu hawn Malta jekk il-vettura tkun diga waslet hawn Malta.**

Illi jirrizulta illi fl-istess zmien li r-rikorent nizzel il-formula in kwisjtoni, Transport Malta kienet ippubblika formula ohra, fejn issa dan it-terminu ta' tletin gurnata kien qieghed imnizzel. Tant hu hekk li meta r-rikorrent mar biex japplika huwa rega' mela l-applikazzjoni fil-verzjoni l-gdida taghha. Iktar minn hekk huwa baghat emejl spjegattiva lill-Ministeru intimat, liema emejl jirrizulta li giet a konoxxenza ukoll tas-Sur Francis Attard, Cermen tal-Bord (Dokument A a fol. 53).

Illi ghalhekk jirrizulta illi meta l-Bord gie biex jezamina din l-applikazzjoni, huwa kellu spjega mir-rikorrenti bir-raguni ghaliex huwa kien issottometta l-applikazzjoni tieghu oltre t-terminu ta' tletin gurnata. Jirrizulta pero` li l-Bord ma hax dan il-fatt in konsiderazzjoni tant li fir-risposta tieghu il-Ministeru intimat qal li mexa fuq il-verzjoni tal-formola tal-applikazzjoni l-gdida li hija l-verzjoni t-tajba.

Illi t-Tribunal ma jsibx illi wara li r-rikorrent kien ta spjegazzjoni plawsibbli x'wasslu biex issottometta l-applikazzjoni l-antika, il-Bord kellu semplicement jinjora x'gara u jimxi fuq il-formola tal-applikazzjoni l-gdida. It-Tribunal huwa tal-fehma illi dan huwa kaz genwin fejn ir-rikorrenti gie zgwidat minn nuqqas ta' entita` ohra (Transport Malta) li halliet formula antika disponibbli fuq is-sit elettroniku taghha meta wiehed jaghmel tfittxija ghaliha. Fl-opinjoni tat-Tribunal, ghalkemm l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet dahlet oltre t-tletin gurnata minn meta huwa ha r-residenza tieghu hawn Malta, dan kien biss dovut

ghal nuqqas ta' informazzjoni vitali fl-applikazzjoni l-antika, liema applikazzjoni Transport Malta hasset li kellha tibdel anke wara li ngibdet l-attenzjoni f'sentenzi precedenti minn dan it-Tribunal li kienet qieghda tizgwida lill-applikanti dwar it-termini, ferm iktar qosra, li jezistu fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 u dan ghaliex jekk awtorita` taghzel li taghti informazzjoni, din ghandha taghtiha korretta u b'mod shih.

Illi ghalhekk it-Tribunal se jkun qieghed jirrevoka d-decizjoni appellata mhux tant ghaliex mhix legalment korretta imma ghaliex in vista tal-informazzjoni li kellu quddiemu l-Bord, biz-zewg verzjonijiet tal-applikazzjoni u bl-emejl spjegattiva tar-rikorrent, kellu jaghti iktar piz lic-cirkostanzi li sab ruhu fihom ir-rikorrent tort ta' nuqqas ta' awtorita` governattiva ohra.

Ghaldaqstant ikun ghaqli li l-Bord jerga' jirrikonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrenti fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal filwaqt li qieghed jillibera lil Transport Malta mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' l-appell interpost mir-rikorrent mid-decizjoni tal-Ministru intimat datata 21 ta' Gunju 2018, jichad ir-risposta tal-Ministru intimat u jirrevoka l-imsemmija decizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-Ministru intimat hlief ghal dawk tal-Awtorita` intimata li ghandhom jigu sopportati minnha stess.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**